# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Frar, 2019.**

**Numru 2**

**Citazzjoni numru 783/02JA**

**Atef Zarrouk**

**v.**

**C & F Building Contractors Limited;**
**u b'digriet tal-21 ta' Jannar 2019 ġiet kjamata fil-kawża**
**s-soċjetà Middlesea Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti:**

1. C & F Building Contractors Limited appellat minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Ottubru 2013 li sabet lill-istess soċjetà llum appellanti responsabbli għall-korriment li sofra l-attur illum appellat, li dak iż-żmien kien impjegat tagħha, fuq il-lant tax-xogħol

fit-12 ta' Awissu 1999 ġewwa r-Residenza għall-Kura tal-Anzjani ta' San Vinċenz de Paul, Ħal Luqa, u għad-danni konsegwenzjali li ġew likwidati fis-somma ta' €327,258.50, liema danni l-appellanti ġiet ikkundannata tħallas lill-attur. Għajr għall-ispejjeż tal-imsejħa fil-kawża li ġiet ikkundannata tħallas l-ispejjeż tagħha stess minkejja li din ġiet liberata mill-osservanza tal-ġudizzju, is-soċjetà appellanti ġiet ukoll kundannata tħallas l-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Lulju 2001, u l-imgħax legali mid-data tal-imsemmija deċiżjoni sal-pagament effettiv.

2. L-aggravji tal-appellanti huma tnejn:

2.1. illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta attribwiet ir-responsabbiltà tal-event dannuż pjenament fuqha; u

2.2. li l-persentaġġ ta' diżabilità fil-persentaġġ ta' 100% huwa eċċessiv.

3. Il-konvenut talbet lil din il-Qorti:

> '*jew [**i**] kompletament tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata l-24 ta' Ottubru 2013, fl-ismijiet premessi u,*

*b'akkoljiment ta' l-ewwel aggravju, tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż tal-proċeduri ntieri sopportabbli mill-attur appellat; jew alternattivament, [**ii**] b'akkoljiment tal-ewwel u t-tieni aggravju, tgħaddi biex tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili datata l-24 ta' Ottubru, 2013, fl-ismijiet premessi, f'dik il-parti li sabet ħtija assoluta fis-soċjetà appellanti u minflok tiddikjara illi l-attur appellat kiellu parti mill-ħtija għall-inċident in kwistjoni u tgħaddi sabiex tattribwixxi dik il-parti tar-responsabbilità lilu waqt li tillikwida kwalsiasi danni, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-appellat; u/jew [**iii**] f' każ li kemm jekk din il-Qorti ssib is-soċjetà esponenti appellanta responsabbli unikament għall-inċident de quo kif ukoll jekk takkorda parti mill-ħtija lill-attur, tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn akkordat diżabilita` ta' mija fil-mija u konsegwentement ikkundannat lis-soċjetà tħallas is-somma minnha llikwidata favur l-attur billi in vista tal-fatt illi d-diżabilità ma kellha qatt tiġi kkalkolata bħala mija fil-mija ssir illi dik id-diżabilita` hija biss waħda parzjali u mhux ssoluta u b'hekk tvarja l-ammont illikwidat minnha favur l-attur.'*

**Konsiderazzjoni Preliminari.**

4. Permezz tal-appell in diżamina l-appellanti talbet lil din il-Qorti tirrevoka jew alternattivament tvarja s-sentenza tal-Qorti Prim' Awla tal-24 ta' Ottubru 2013 minflok tat-23 ta' Ottubru 2013, meta effettivament ingħatat id-deċiżjoni appellata. Huwa evidenti li dan huwa biss żball tipografiku inkwantu ma ngħatat l-ebda deċiżjoni fil-kawża bin-numru u fl-ismijiet premessi fl-24 ta' Ottubru 2013.

5. In vista ta' dan, a tenur tal-artikolu 175 tal-Kap. 12, din il-Qorti tordna li r-referenza għall-'*24 ta' Ottubru 2013*' fit-talba tar-rikors tal-appell in diżamina titħassar u tiġi sostitwita minflok bid-data '*23 ta' Ottubru 2013'.*

**Konsiderazzjoni dwar il-meritu.**

6. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellanti tikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta poġġiet ir-responsabbilta` fuqha. Tisħaq li ġiet skartata l-prova li l-kaġun tal-inċident in kwistjoni, ossija l-qtugħ bl-imqass tal-vireg li permezz tagħhom is-saqaf kien ingaljat fil-ħajt qabel ma dan ġie mbragat bil-ktajjen, ma sarx fuq struzzjonijiet tal-*foreman* iżda mill-appellat di *sua sponte* kontra l-istruzzjonijiet lilu mogħtija. Argument bażat fuq dak li qalet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti

ta' Ġudikatura Kriminali fis-sentenza tat-22 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Roger Spagnol***. Iżżid ukoll illi ma kien hemm l-ebda periklu għall-appellat fix-xogħol li kien imqabbad jagħmel, ċjoe' li jħaffer żewġ toqob fis-saqaf biex ikun jista' jiġi mbragat u jaqta' trinka fil-kantuniera biex jikxef il-ħadid, inkwantu s-saqaf ma kienx se jaqa' li kieku l-appellat ma qatax l-imsemmija vireg tal-ħadid kontra l-istruzzjonijiet lilu mogħtija. Targumenta għalhekk li ma kien hemm l-ebda ħtieġa ta' *harness* għax-xogħol li ġie mqabbad jagħmel u li l-kawża approssimattiva tal-inċident ma kinitx in-nuqqas tal-użu ta' elmu jew apparat tas-sigurtà ieħor. Tikkontendi ukoll li l-appellat kien ilu jaħdem magħha u kien jaf x' kienet il-proċedura biex jitwaqqa' saqaf. Tilmenta għalhekk li l-Ewwel Qorti naqset tikkunsidra l-fatt li l-appellat kien unikament responsabbli għall-imsemmi inċident u li m'hemm l-ebda '*strict liability'* fuq min iħaddem iżda din trid tkun '*fault based'*.

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti għad-deċiżjoni dwar ir-responsabbilità għall-inċident in kwistjoni ġew imfissra hekk:

> ***'Il-Fatti fil-Qosor:***
>
> *"Illi din il-kawża hija dwar inċident fuq il-post tax-xogħol. Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-12 ta' Awissu 1999, waqt illi l-attur, li huwa mpjegat mas-soċjeta' konvenuta, kien qiegħed jaħdem fir-Residenza għall-Anzjani San Vinċenz de Paule, Ħal Luqa, huwa weġġa' meta nqabad taħt bejt li waqa' waqt li l-attur kien qed jagħmel xogħol fuqu u ġarrab danni, ukoll minħabba diżabilita' permanenti li żżommu milli jkompli bix-xogħol tiegħu. L-attur jgħid illi linċident seħħ bi ħtija tas-soċjeta' konvenuta iżda għalxejn sejħilha biex tersaq għal-*

*likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni. Għalhekk fetaħ din il-kawża.*

"***Provi:***

"*Illi rriżulta li l-inċident seħħ waqt illi l-attur li kien impjegat mas-soċjeta' konvenuta kien qed jagħmel trinka ġo bejt biex jitwaqqa' l-istess bejt fuq struzzjonijiet tal-foreman tiegħu. Dan ix-xogħol solitament kien isir minn Reno, impjegat ieħor tal-konvenuta u mhux mill-attur. Waqt li lattur kien qiegħed fuq il-bejt jagħmel dan ix-xogħol il-bejt qata' mingħajr ma kien għadu ntrabat u l-attur safa maħkum mill-bejt u ġarrab debilita' permanenti f'dahru.*

"*Illi mix-xhieda prodotti mill-attur, kemm l-affidavit tiegħu nnifsu kif ukoll ix-xhieda Paul Spiteri u Lawrence Camilleri rriżulta li normalment xogħol il-konvenut kien aktar ta' ajjutant fuq il-lant tax-xogħol. L-attur solitament kien jagħmel xogħol ieħor bħal tindif tas-sit, tneħħija ta' materjal, jipprepara t-tajn etċ. Pero' huwa qatt ma rrifjuta x-xogħol li kien jagħtih il-foreman. Irriżulta wkoll li fejn kien ikun hemm periklu l-foreman kien iqabbad lill-attur. Fil-ġurnata qabel seħħ l-inċident ix-xogħol tal-bejt kien qed isir minn ħaddiem ieħor ċertu Reno, li pero' minħabba is-sħana kien qabad u telaq mil-lant tax-xogħol qabel il-ħin. Il-foreman kien irrabjat dwar dan u l-għada bidel ix-xogħol li solitament kien jagħmel l-attur u qabbad lill-attur jagħmel ix-xogħol tal-bejt minflok l-impjegat l-ieħor Reno. Din kienet l-ewwel darba li l-attur kien qed jagħmel xogħol bħal dan. L-attur tħalla waħdu fuq il-bejt jagħmel dan ix-xogħol. Is-soltu kienu jkunu tlieta.*

"*Illi għalkemm il-Perit Legali mqabbad fl-inkjesta jgħid li l-attur għandu parti mit-tort għax kien ġa għamel xogħol simili qabel, minn imkien ma jirriżulta li l-attur kien għamel xogħol simili qabel. Anzi għall-kuntrarju l-attur jinsisti li dakinhar kienet l-ewwel darba li għamel dak ix-xogħol u li dakinhar l-foreman tiegħu bidillu x-xogħol li soltu jagħmel u bagħtu jagħmel il-bejt. Dan ġie konfermat ukoll mix-xhieda prodotti mill-attur.*

"*Illi mill-kontro-eżami tal-foreman Roger Spagnol jirriżulta li l-attur kien waħdu fuq il-bejt. Is-soltu jkunu tlieta jaħdmu flimkien. L-attur qatt qabel ma kien qala' bejt waħdu. Hu kellu jagħmel it-toqob imbagħad isejjħilhom biex jorbtu lktajjen u jressqu l-krejn. L-impjegati ma kellhomx ilbies protettiv u lanqas ittieħdu prekawzjonijiet. Kellhom biss safety shoes. L-imgħallem jagħtihom ukoll il-helmets.*

"*Illi dan ix-xhud għalkemm huwa l-foreman tal-kumpanija ma jafx x'hemm inniżżel fil-health and safety manual tal-kumpanija. U ma jaqrax il-manual jew ċirkularijiet u policies dwar health and safety tal-kumpanija. Jgħid li laqgħat dwar dan l-aspett tax-xogħol ma jkollhomx iżda jkellimhom biss l-imgħallem li jgħidulhom x'jagħmlu u jagħmluh. Jgħid li suppost li kellhom health and safety officer imma dakinhar tal-inċident ma kienx fuq il-post u ma jafx marx qablu fuq il-lant tax-xogħol jew le għax hu ma rahx fuq il-post.*

"*Illi minkejja li dan ix-xhud xehed li kien hemm health and safety officer, ħadd mill-impjegati l-oħra ma semma li kien hemm xi health and safety officer u dan il-health and safety officer li suppost kien hemm lanqas ma tressaq bħala xhud mis-soċjeta' konvenuta.*

"*Fil-fatt, mix-xhieda ħarġu dawn il-fatti:*

*"1. Il-foreman biddel ix-xogħol tal-attur minn dak li normalment kien jagħmel u l-attur ġie ordnat jagħmel dan ix-xogħol li ma kellux esperjenza fuqu għax is-soltu kien jagħmlu l-ħaddiem l-ieħor Reno;*

*"2. L-attur tħalla waħdu jagħmel dan ix-xogħol li kien ġdid għalih;*

"*3. Ix-xogħol ta' perikolu kien jingħata lill-attur;*

"*4. Il-konvenuta m'għandha l-ebda policy dwar saħħa u sigurta` fuq ix-xogħol u ma kienu jittieħdu l-ebda prekawzjonijiet għajr li kienu jilbsu safety shoes;*

"*5. Dan ma kienx l-ewwel inċident fuq il-lant tax-xogħol tal-konvenuta;*

*"6. Kieku ttieħdu prekawzjonijiet sempliċi u bażiċi bħal lużu ta' lbies protettiv jew ta' harness waqt li qed issir ittrinka fuq il-bejt probabilment l-attur ma kienx iġarrab debilita permanenti;*

"*Illi l-inċident għalhekk seħħ għax:*

"*(i) il-foreman biddel ix-xogħol li solitament kien jagħmel l-attur,*

"*(ii) l-attur tħalla waħdu jagħmel dan ix-xogħol,*

"*(iii)* *għax is-soċjetà konvenuta ma kellhiex u ma applikat l-ebda sistema ta' saħħa u sigurta' għall-impjegati tagħha fuq il-post tax-xogħol.*

"***Kunsiderazzjonijiet:***

"*Illi l-attur ipprova li probabbilment il-każ ġara kif jinsisti hu. Ftit li xejn tagħmel differenza jekk fil-fatt użax l-imqass jew le kif is-soċjeta' konvenuta ssostni li qal l-attur fil-proċeduri kriminali. Dan għaliex li kieku:*

*(1)* *ma nbidillux ix-xogħol minn dak li normalment kien jagħmel u tpoġġa jagħmel dan ix-xogħol li ma kellux esperjenza fuqu għax is-soltu kien jagħmlu l-ħaddiem l-ieħor Reno kieku probabilment ma kienx jiġri l-inċident;*

*(2)* *l-attur tħalla waħdu jagħmel dan ix-xogħol li kien ġdid għalih;*

*(3)* *irriżulta ċar li x-xogħol perikoluż kienu jagħtuh lill-attur;*

*(4)* *il-konvenuta m'għandha l-ebda policy dwar saħħa u sigurta' fuq ix-xogħol u ma kienu jittieħdu l-ebda prekawzjonijiet għajr li kienu jilbsu safety shoes;*

*(5)* *dan ma kienx l-ewwel inċident fuq il-lant tax-xogħol tal-konvenuta;*

*(6)* *kieku ttieħdu prekawzjonijiet sempliċi u bażiċi bħal l-ilbies ta' safety harness waqt li kien qed isir ix-xogħol fuq il-bejt kieku l-attur kien jibqa' sospiz fl-arja u ma kienx ibati debilita' permanenti;*

*(7)* *ma ġiex pruvat li l-attur kien negliġenti imma hu obda l-istruzzjonijiet mogħtija lilu;*

*(8)* *semmai jekk kien hemm xi negliġenza kontributorja fil-fattispeċi tal-każ odjern kienet minima u għandha tiġi sopportata mis-soċjeta' konvenuta u dan anke skond l-insenjamenti kwotati mill-attur fin-nota t'osservazzjonijiet tiegħu għax huwa l-imgħallem illi għandu jipprovdi ambjenti sigur fuq il-lant tax-xogħol u mhux l-impjegat.*

"***Responsabbilta' għall-inċident***:

"*Illi l-ewwel punt li jrid jiġi deċiż huwa ta' min kienet irresponsabbilta' tal-istess inċident, u mill-provi prodotti hija*

*l-opinjoni ta' din il-Qorti li s-soċjeta' konvenuta bħala l-imgħallem hija responsabbli għall-inċident, u allura għad-danni konsegwenzjali.*

"*Illi jiġi relevat li ai termini tal-**Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2 (2)** tal-istess jingħad li:*

> "***Art. 2 (2) (a)*** *"Illi huwa dmir ta' min iħaddem lil xi persuna oħra li jiżgura li l-post fejn isir ix-xogħol ikun ħieles minn sogri bla bżonn għas-saħħa u minn perikoli li jistgħu jiġu evitati għall-inkolumita' fiżika u psikoloġika tal-ħaddiema".*
>
> "***Art.2 (2) (b)*** *ikompli jgħid: "Huwa dmir ukoll ta' min iħaddem li jiżgura illi kull proċess ta' xogħol imqabbad minnu jkun ħieles minn kull sogru bla bżonn għas-saħħa u minn kull perikolu li jista' jiġi evitat għall-inkolumita' fiżika u psikoloġika tal-ħaddiema mpjegati minnu u ta' ħaddiema mpjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xogħol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

"*Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, minħabba dak fuq premess, is-soċjeta' konvenuta rrendiet ruħha responsabbli għal kull inċident li seta' jseħħ fuq il-post tax-xogħol meta ma ħaditx in konsiderazzjoni l-perikolu żejjed li l-ħaddiema kienu qed jinkorru meta kien qed jitwaqqa' l-bejt, meta ma kellhiex health and safety officer fuq il-post tax-xogħol speċjalment waqt li kien qed jitwaqqa' dan il-bejt, meta lanqas biss għandha health and safety policy li titħaddem fuq il-post tax-xogħol, meta l-ħaddiema lanqas ingħataw ilbies protettiv għal waqt ix-xogħol tagħhom, meta nbidel r-rwol tax-xogħol solitament mogħti lill-attur għal dak li tqabbad jagħmel dakinhar li seħħ l-inċident.*

"*Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, illum il-ġurnata l-ħtieġa ta' safety officers debitament imħarġa hija neċessita' sine qua non f'kull aġenda serja li trid verament tara li r-regoli tax-xogħol dwar il-protezzjoni u s-sigurta' tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol jiġu mantenuti u miżmuma f'kull ħin, u għalhekk in-nuqqas tal-istess hija difett serju fih innifsu fil-kuntest tal-obbligi tagħha skond il-liġi sabiex jinżammu safety standards ta' livell u serji fuq il-lant tax-xogħol, liema persuni kwalifikati jkunu jistgħu jaraw u jassiguraw mhux biss li r-regoli jiġu osservati, iżda huma nfushom jaraw li jintroduċu metodi fejn dejjem il-perikolu ta' ħsara lill-ħaddiema jiġi dejjem imnaqqas jekk mhux eliminat.*

"*Illi għalhekk l-istess soċjeta' konvenuta skont kif ġie ritenut fis-sentenza "ma pprovdietx dak li kellha tipprovdi 'a safe system of work', b'dan li ma osservatx id-dover tagħha li tipprovdi post tax-xogħol li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa tal-istess utent tagħhom". Fil-fatt ġie dikjarat fis-sentenza "***Borg vs Wells et nomine***" illi:*

> *"in planning a system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work", u dan tenut kont "talatmosfera tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem filkors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijet twal, l-għaġġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu nkarigati biex jaħdmu miegħu fuq ix-xogħol".*

"*Illi fil-każ in eżami l-fatt li s-soċjeta` konvenuta dakinhar li seħħ l-inċident kienet biddlet ix-xogħol li normalment kien jagħmel l-attur u bidlitu ma' xogħol aktar ta' perikolu, kien nuqqas serju da parte tagħha, li ma ħaditx b'hekk in konsiderazzjoni d-diffikultajiet inerenti fl-istess xogħol.*

"*Illi inoltre, ġie ndikat li min iħaddem għandu l-obbligu u ddmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xogħol ma jkunx konduċenti għal kwalunkwe forma t'inċident li jippreġudika lill-impjegati tiegħu, u jrid jara wkoll li l-ħaddiema tiegħu jkunu mistħarrġa għat-tip ta' xogħol li jkunu mqabbda jagħmlu.*

"*Illi tenut kont tal-prinċipju stabbilit fis-sentenza **"Joseph Bugeja vs Anthony Falzon"** reitterata fis-sentenzi **"Emmanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine"** u **"Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine"** il-Qorti sostniet illi bl-applikazzjoni tal-artikoli appositi, huwa obbligu ta' min iħaddem biex jipprovdi kondizzjonijiet li jassiguraw is-saħħa tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol tiegħu. Tal-istess portata hija s-sentenza **"Robert Camilleri vs Malta Shipbuilding Company Limited"** fejn ingħad li s-soċjeta' konvenuta għandha tinżamm responsabbli meta ma tieħux ħsieb li tipprovdi ambjent li jassikura s-saħħa tal-ħaddiem.*

"*Illi għalhekk l-ewwel talba attriċi għandha tiġi milqugħa fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta."*

8. Mill-atti jirriżulta s-segwenti:

8.1. Fl-affidavit tiegħu l-appellat xehed[1] illi mis-27 ta' Ottubru 1997 beda jaħdem full-time mal-appellanti bħala *labourer*. Kien assenjat ma' bennej u kull ma kien igħidlu kien jagħmlu, ossija, jnewwillu l-għodda, jagħmel it-tajn, jerfa' l-ġebel, jnaddaf u jżarma x-*'shutter'*. Igħid iżda li dakinhar tal-inċident ma kienx qiegħed jaħdem ma' dak il-bennej. Kien il-*foreman* Roger Spagnol li għarrfu li ried jitwaqqa' bini ta' żewġ sulari fir-residenza għall-kura tal-anzjani ta' San Vinċenz De Paul, Ħal Luqa. Igħid li kienu erbgħa min-nies: hu, l-*foreman* Roger Spagnol, ċertu Reno li jarma s-*shutter*, u *labourer* ieħor bħalu jismu Grezzju. Żied li oriġinarjament kien Reno li tqabbad iqatta' s-saqaf bil-*jackhammer* iżda l-ġurnata ta' qabel l-inċident kien telaq kmieni minħabba s-sħana u l-għada l-foreman ordnalu jkompli jqatta' s-saqaf hu minn fejn kien ħalla Reno. Huwa ma rrifjutax għaliex kull minn kien iħaqqaqha mal-kumpannija kien jiġi mkeċċi. Dwar l-istruzzjonijiet li ngħata fl-affidavit qal:

> *'il-foreman dakinhar qalli nagħmel żewġ toqbiet fin-nofs tas-saqaf biex imbagħad igħaddu l-ktajjen minnhom u s-saqaf jgħolluh. Imbagħad urieni kantuniera kantuniera u ordnali biex inqaċċatha bil-jackhammer. Il-foreman wara li tani dawn l-ordnijiet qalli biex malli nlesti ngħajjatlu biex jiġib il-crane jitniżżlu l-ktajjen fit-toqob tas-saqaf u b'hekk ngħollu*

[1] Fol. 42.

> *s-saqaf. Il-foreman ma qagħadx miegħi iżda telaq mill-post fejn kont jien u ħallieni waħdi. Telaq iġorr xi ġebel bil-gaffa. Jien l-ewwel ħaffirt iż-żewt toqob fis-saqaf. Imbagħad mort inqatta' bil-jack-hammer fejn qalli l-foreman. Ftit wara ċeda s-saqaf u jien korrejt'*.

Kompla jgħid li taħt is-saqaf ma kienx hemm armar bħala prekawzjoni u l-kumpannija ma pprovdiet l-ebda lbies protettiv. In kontro-eżami[2] tenna li l-istruzzjonijiet li taħ il-*foreman* kienu '*biex inqatta' s-saqaf u nagħmel żewġ toqbiet'.* Mistoqsi jekk fil-kawża kriminali tax verżjoni differenti, huwa ċaħad u tenna li:

> '*Jiena li qalli qatta' hekk u qatta' hekk, b'jackhammer mhux jigger eh. Taf x'iġifieri jack hammer, lanqas int biss ma tista' terfgħu, bil-kumpressur. Jiġifieri dan meta tinżel, xi waħda jew tnejn bix-xibka tqattagħhom żgur, fhimt? U jien hekk ġrali għax meta wasalt sal-kantuniera, qattajt minn hawn, qattajt minn hemmhekk.*[3]
>
> ...
>
> *jiena dejjem nerġa ngħid u nerġa' nirrepeti li qalli "aqta hekk kwadru u hekk", qalli "aqta' dawk u agħmel żewġ toqbiet fin-nofs" u jien għamilt dak li qalli.'*[4]

In kontro-eżami għall-darb'oħra fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2002,[5] rinfaċċat bix-xhieda li ta fil-proċeduri kriminali baqa' jinnega li uża l-imqass biex jaqta' x-xibka u qal ukoll li l-imqass l-anqas biss kien ħdejh.

---

[2] Fol. 53 et seq.
[3] Fol. 60.
[4] Fol. 61.
[5] Fol. 219 et seq.

8.2. F'seduta li saret fit-12 ta' Awissu 1999 fl-Isptar San Luqa, l-appellat qal:

> '*konna qed inħottu s-saqaf ta' fuq il-kamra tar-rokna. Jien kont fuqu. Aħna kissirna l-konkos ta' madwar dan is-saqaf* ***u qtajna x-xibka.*** *F'dak is-saqaf konna għamilna żewġ toqbiet biex nerfgħaw dik il-biċċa saqaf bil-crane u b' hekk inniżluha sħiħa.*
>
> *Jien kont waħdi fuq is-saqaf li kien għadu ma ġiex imbragat mal-ganc u f'daqqa waħda s-saqaf waqa'*[6]

8.3. Skont ir-rapporti tal-Ispettur Carlo Ellul[7] u tal-PS 679 Saviour Camilleri[8] li saru fit-12 ta' Awissu 1999, ċjoe' d-data tal-inċident, il-*foreman* responsabbli jismu Roger Spagnol kien infurmahom li waqt li kienu qed jaqtgħu saqaf żgħir tal-konkos biex iħottuħ fl-Isptar San Vinċenz De Paul, dan ċeda f'daqqa u waqa'. Zarrouk, li kien jinsab fuq l-istess saqaf, tar minn fuqu u ġarrab ġrieħi. Fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 1999 fl-Għassa ta' Ħal Luqa Roger Spagnol xehed:

> '*Dwar il-post fejn kien ġara l-inċident, kienet saret trinka mal-ġemb ta' naħa waħda u dan ġurnata jew aktar qabel l-inċident* ***u f'dak il-ħin Atef Zarrok kien fuq is-saqaf, inaddaf u jaqta' x-xibka****. Hu kien waħdu.*
>
> *Il-crane li kien fuq il-post, lest biex wara dik il-biċċa konkos titniżżel isfel. Afef kien ġa għamel xogħol*

---

[6] Fol. 105.
[7] Dok CE1 a fol. 71.
[8] Fol. 75.

> *simili fil-kuritur u f' daqqa waħda wieħed mill-ħaddiema ġie jiġri jgħidli li waqa' Atef.'*[9]

8.4. Skont ir-relazzjoni tal-Perit Richard Aquilina, '*is-saqaf li waqa' kien fuq kamra pjuttost żgħira ... kien fih żewġ toqbiet u kien jidher li l-konkos fil-ġnub tiegħu kien tqatta' bil-kumpressur.* ***Ix-xibka kienet maqtugħa friska u l-qtugħ kien għadu jleqq***'.[10] Hekk kif jirriżulta mill-*Process Verbal*[11] il-Perit Richard Aquilina rrelata[12] li hu u nieżel is-saqaf dahar ta' taħt fuq li jindika li kien għad baqa' biċċa xibka mhux maqtugħa u nqatgħet bil-piż tal-konkos. L-espert ikkonkluda li:

> *"... kien nuqqas kbir ta' min kien qiegħed jidderiġi x-xogħol, fis-sens li ma ħax hsieb li jara li qabel ma jinqata' l-ħadid tax-xibka, dak is-saqaf ikun marbut mal-crane.*
>
> *Kien hemm nuqqas ukoll min-naħa ta' Atef Zarrouk stess li kien ġa għamel xogħol simili u li ma kienx ħa ħsieb li s-saqaf jiġi mbragat qabel ma tinqata' x-xibka kollha"*.[13]

8.5. Fil-kawża xehed ukoll Paul Spiteri, ġardinar l-Isptar San Vinċenz De Paul li kien qiegħed jaħdem mill-viċin u kien minn ta' l-ewwel li għen lill-appellat flimkien ma' tabiba li nzertat kienet għaddejja minn hemm. Jgħid li l-appellat kien qiegħed fuq il-bejt in kwistjoni waħdu '***jqatta' l-***

[9] Fol. 107.
[10] Fol. 96.
[11] Fol. 85 et seq.
[12] Fol. 94.
[13] Fol. 97.

***ħadid, u ċioe` jkisser is-saqaf****. Ma kellux helmet ...* ***kien qed jaqta' l-konkos bil-jackhammer biex jikxef il-ħadid biex jorbot minnu s-saqaf biex itellgħuh****. Kien qed jagħmel xi toqob biex tiddaħħal il-katina li mbagħad terfa' l-bejt'*.[14] Żied li ma kienx marbut.

8.6. Xehed ukoll Lawrence Camilleri,[15] li kien ukoll impjegat mal-appellanti. Ma kienx fuq xogħol miegħu fil-jum tal-inċident iżda kien ħadem miegħu f'sit ieħor fejn il-*foreman* Roger Spagnol kien qallu biex ma jgħidx lil Zarrouk jarma l-i*scaffolding* sew ħalli ma jaħlix ħin. F'dik l-okkażjoni Zarrouk kien tela' fuq l-*iscaffolding* avolja ma kienx sod. Qal li Zarrouk dejjem kien jingħata xogħol ta' periklu u li l-kumpannija ma kienet ittihom l-ebda protezzjoni, lanqas par ingwanti. Jgħid li l-kumpannija ma kelliex *safety officer* u jekk kellha ma kienx jaf min hu.

8.7. Da parti tiegħu Roger Spagnol xehed[16] li qatt ma ta ordni lill-appellat biex jaqta' ix-xibka u lanqas biex ikisser il-kantuniera tas-saqaf. Jgħid li qabbdu biss '*jitla' jneħħi t-torba, inaddaf, jagħmel dawk iż-żewġ toqbiet u jgħajtilnha*

---

[14] Fol. 82.
[15] Fol. 126.
[16] Fol. 169 *et seq*.

*biex inkunu nistgħu nimbragaw.'* [17] Xehed ukoll li wara l-inċident mar fuq is-sit u kkonkluda li x-xibka kienet inqatgħet bl-imqass. Igħid li huwa mpossibbli li nqatgħet bil-*jackhammer* għaliex ix-xibka kienet mikxufa peress li Reno kien preċedentement ħaffer trinka. Fisser li ladarba x-xibka kienet mikxufa, ħadid ma jistax jaqta' l-ħadid mingħajr ma jkollu fuq x'hiex jippressa. In kontro-eżami Roger Spagnol[18] qal li Zarrouk kien ilu madwar ġimgħa miegħu fuq dan is-sit partikolari għaliex qabel kien assenjat ma' bennej. **Kien ilhom diversi jiem iħottu s-soqfa u r-rwol tal-appellant f'dan il-proċess, apparti xogħol ta' tindif, kien li jorbot is-saqaf bil-ktajjen minn taħt**. Igħid li sa meta weġġa' qatt ma kien għamel trinek u fil-fatt huwa ma qabbdux jagħmel trinek fis-saqaf għaliex dawn diġa` kienu lesti. Tenna li qabbdu biss jagħmel it-toqob fuq in-naħa opposta tas-saqaf minn fejn kienu saru t-trinek biex iniżżlu katina mit-toqob min-naħa u bejn ix-xibka min-naħa l-oħra, u permezz t'hekk kellu jiġi mbragat is-saqaf. Ikkonferma li qabel dakinhar Zarrouk qatt ma kien taqqab toqob fis-saqaf u tħalla waħdu biex jagħmel dan. Ikkonferma ukoll li huwa ma kienx qal lil Zarrouk x'għodda jrid juża biex iħaffer l-

[17] Fol. 173.
[18] Fol. 182 *et seq*.

imsemmja toqob. Qal ukoll li ma kienx sar armar taħt is-saqf għaliex dan kien ser jinqala' sħiħ. Kieku sar l-armar ma kienx ser jiflaħ saqaf sħiħ. Kien isir l-armar kieku s-saqaf kien se jiġi mkisser biċċa biċċa li ma kienx il-każ. Jgħid li kellhom *Health and Safety Officer* iżda dakinhar ma kienx fuq il-post.

8.8. Ġiet ippreżentata ukoll kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Carlo Ellul) vs Roger Spagnol*** deċiża fit-22 ta' Jannar 2001 fejn ġie deċiż illi:

> '*Atef Zarrok mexa kompletament għal rasu, injora l-prattika normali ta' twaqqif ta' saqaf, prattika li huwa kien konxju minnha u oltrepassa l-istruzzjonijiet tal-foreman u tiegħu li kienu, sempliċement li jnaddaf is-saqaf mill-madum u mit-torba u, bil-jackhammer, jaqta' trinka. Qatt ma kellu struzzjonijiet li jaqta' x-xibka bl-imqass.'*

L-imsemmija deċiżjoni *inter alia* kkwotat s-segwenti xhieda:

8.8.1. <u>Atef Zarrouk</u>, fejn jgħid:

> '... *Jiena ma' kontx għamiltu dan ix-xogħol tas-saqaf qabel, għax jien kont isfel. Min kien qed jagħmlu qabel, dan li kien miegħi, għax hu kien jaħdem, għax jiena qatt ma ħdimt, naqla' s-soqfa. Għax jien kont*

*naħdem ħaddiem normali, imbgħad intfajt inqiegħed il-ġebel. Imbgħad qalli inti – tallani bil-crane u tella' l-jackhammer qalli qatta' hekk u qatta hekk. U għamilt żewġ toqob biex inqabbdu l-katina. Jien għamilt kif qalli, fhimt. U hu telaq imbgħad. Qalli jekk ikollok bżonn xi ħaġa għajjatli, jew hemm Reno, dak, għajjatlu. Imbgħad jiena tlajt mal-ħajt, is-saqaf kien ingaljat mal-ħajt.* ***Qattajtu bil-jackhammer, imbagħad kien hemm biċċa qattajtha bl-imqass****.*

*... hu qalli qatta' hekk, għax biex naqla' għax huma l-faċċata ta' dik in-naħa l-oħra ma' riedux iwaqqgħuha, ikollna bilfors inqattgħuha bil-jackhammer ...'*[19]

8.8.2. Renald Busuttil,[20] li kkonferma li huwa ma kien għamel l-ebda trinka fuq l-imsemmi saqaf li kien għad għandu t-torba u l-madum. Ikkonferma ukoll li sema' lill-appellat odjern juża l-*jackhammer* iżda ma kienx jaf x' kien qed jagħmel dak il-ħin. Mistoqsi jekk minn fejn kien il-*foreman* setgħax jarah wieġeb:

'*dan mhux tifel tal-iskola, imma. Dan qallu biex jagħmel toqba u jaqtgħu minn mal-ħajt biex jimbragawh'*;

9. Fl-inkjesta maġisterjali l-perit tekniku stabilixxa li kien sar qtugħ tax-xibka. Fil-fatt fir-rapport qal:

*"Is-saqaf li waqa' kien fuq kamra pjuttost żgħira li kienet f'ras il-kuridur. Dan is-saqaf kien f'ogħli ta' 5.48 metri, (18'0"). Is-saqaf kien fih żewġ toqbiet u kien jidher li l-konkos fil-ġnub tiegħu kien tqatta' bil-kompressur. Ix-xibka kienet maqtugħa friska u l-qtugħ kien għadu ileqq.*

*Is-saqaf kien oħxon seba' pulzieri (7") u dan instab maqlub ta' taħt fuq u miegħu niżel ukoll xi ġebel tal-ħitan ta' mad-dawra, mhux appoġġ mar-rimanenti tal-bini".*[21]

---

[19] Fol. 210 – 211.
[20] Fol. 214 *et seq*.
[21] Fol. 96.

10. Li tneħħi saqaf tal-konkos hi manuvra perikoluża immens. L-appellanti kellha obbligu li tieħu l-prekawzjonijiet kollha li kien hemm bżonn qabel ma tippermetti li ħaddiema tagħha jaħdmu fuq is-saqaf li kellu jitwaqqa'. Skont il-verżjoni li ta Raymond Spagnol, l-appellat qabad u għamel ta' rasu u minn jeddu qatgħa x-xibka. Verżjoni li a bażi tagħha l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, illiberat lil Spagnol mill-akkużi. Pero` din il-Qorti ma tistax ma tosservax dak li qal Spagnol *a tempo vergine* meta xehed quddiem il-perit tekniku (seduta tal-1 ta' Diċembru, 1999) Fil-fatt f'dak l-istadju kull ma qal hu li meta seħħ l-inċident, l-attur *"kien fuq is-saqaf, inaddaf **u jaqta' x-xibka**. Hu kien waħdu"*. Fl-ebda ħin ma ta x'jifhem li t-toqob saru fis-saqaf bħala *precautionary measure* sabiex is-saqaf ikun marbut waqt li x-xibka tkun qegħda titqatta' mill-ħaddiem li jkun fuq is-saqaf. Anzi qal, *"Il-crane kien fuq il-post, lest biex wara dik il-biċċa konkos titniżżel isfel"*. Fl-ebda waqt ma qal li l-appellat għamel ta' rasu u għamel iktar xogħol milli kien ordnat jagħmel. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkonkludi li l-verżjoni li ta fil-proċeduri kriminali u fil-kawża huma l-verita'. Dan apparti li l-qorti ssibha diffiċli temmen li l-ħaddiem kien ser jaqbad u minn jeddu jaqta' xibka bl-imqass, jekk kif xehed Spagnol l-ordni kienet biss sabiex jagħmel *"Jitla' jneħħi t-torba, inaddaf, jagħmel dawk iż-żewġ toqbiet u jagħjtilna biex inkunu*

*nistgħu nimbragaw".*[22] Wieħed irid jiftakar ukoll li Spagnol stess xehed li kien hu stess li tella' lill-appellat fuq is-saqaf permezz ta' crane (fol. 191). Għalhekk probabbilment Spagnol ra l-għodda li l-appellat tellgħa miegħu biex jagħmel ix-xogħol li ordnalu jagħmel.

11. Il-Qorti żżid li s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol kien jitlob li ladarba hemm ħaddiem jaħdem fuq saqaf li ser jitwaqqa', il-prinċipal jieħu mill-bidunett il-prekawzjonijiet li hemm bżonn sabiex ikun aċċertat li ma jaħdimx fil-periklu. F'dan il-każ kellu jsir armar taħt is-saqaf u mhux jiġi permess li ħaddiem qiegħed fuq saqaf ikisser il-konkos, mingħajr *support* ta' xejn taħtu. M'hijiex skuża li l-appellanti targumenta li x-xibka ma kellhiex tinqata' qabel jintrabat is-saqaf. L-appellanti kellha l-obbligu li tagħmel *risk assessment* qabel jibda x-xogħol. Dak hu wieħed mill-modi li bih il-prinċipal jevita li jiġru dawn it-tip ta' inċidenti. Mill-provi rriżulta kif l-appellat, li ma kellux biżżejjed esperjenza f'dak it-tip ta' xogħol, tħalla jaħdem waħdu fuq is-saqaf. Xogħol li s-serjeta` kienet titlob li jsir ukoll taħt id-direzzjoni u superviżjoni ta' perit, li f'dan il-kaz m'hemmx prova li kien hemm.

[22] Fol. 173.

12. Mill-provi rriżulta wkoll kif l-appellanti lanqas biss ma kienet tagħti *safety gear* bażiku lill-ħaddiema tagħha. Għalkemm m'hemmx prova li dak il-gear kien ser jagħmel xi differenza fil-każ in eżami, pero` dan in-nuqqas fih innifsu hu indikazzjoni kemm l-appellanti ma kinitx tagħti każ is-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema tagħha fuq il-post tax-xogħol.

13. Għall-Qorti hu wkoll evidenti li b'dak li ġara l-appellat ma kienx persuna tas-sengħa fid-demolizzjoni tas-soqfa. M'huwiex biżżejjed li l-appellat forsi kien diġa` għamel xi biċċa xogħol simili, għalkemm dwar dan hemm ukoll dubju minħabba l-verżjonijiet differenti. Qabel jagħmel xogħol partikolari l-ħaddiem għandu jingħata t-taħriġ meħtieg, li jinkludi taħriġ dwar il-perikli u kif jevita l-istess. Taħriġ li ma jirriżultax li l-appellat kien ingħata. Kif qalet l-ewwel qorti, mill-provi rriżulta li dan ma kienx it-tip ta' xogħol li s-soltu kien jagħmel l-appellat. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li hemm ħtija kontributorja.

14. Il-Qorti tifhem ukoll li l-*foreman* kien responsabbli mis-superviżjoni tal-ħaddiema. Hu evidenti li f'dan il-każ l-appellat tħalla waħdu jaħdem fuq is-saqaf, filwaqt li l-*foreman* mar jagħmel xogħol ieħor. Dan minkejja li l-Qorti hi sodisfatta li mill-provi rriżulta li dak ma kienx ix-xogħol li l-appellat jagħmel

normalment. Minn dak li ġara hu ċar li f'dan il-każ kien hemm bżonn li l-prinċipal jiżgura li jkun hemm superviżjoni kontinwa f'dak li kien qiegħed jagħmel l-appellat.

15. Rigward il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża ***Il-Pulizija vs Roger Spagnol***, jirriżulta li ġew ikkunsidrati mill-ewwel Qorti <u>flimkien mal-provi l-oħra</u>. F'kull każ, il-piż probatorju hu differenti. Is-sentenza li ngħatat fil-kawża fuq imsemmija, li fiha l-appellanti ma kinitx parti, ma twassalx sabiex tiġi eżonerata mir-responsabbilta' fil-kawża ċivili.

16. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti ma ssib l-ebda raġuni gravi għalfejn għandha tikkonkludi li l-ewwel Qorti ma kellha qatt tiddeċiedi li l-appellanti għandha tinżamm responsabbli għad-danni li sofra l-appellat fl-inċident li seħħ fit-12 ta' Awissu, 1999.

17. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellanti tikkontendi li l-persentaġġ ta' diżabilità illi l-ewwel Qorti ddikjarat li sofra l-attur illum appellat f'persentaġġ ta' mija fil-mija huwa eċċessiv. Tilmenta li l-persentaġġ ta' mija fil-mija jingħata biss lill-persuni li jkunu tilfu ħajjithom jew altrimenti jkunu reżi fi stat ta' inkapaċita

fiżika u mentali li jinsabu fi stat veġetattiv. In sostenn ta' dan l-aggravju tikkwota d-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet ***Cefai et vs Cutajar*** deċiża fid-29 ta' Mejju 2009. Targumenta inoltre` li persuna li tinsab f'siġġu tar-roti bħal ma hu l-appellat ma titlifx il-kapaċitajiet lavorattivi kollha tagħha u għalhekk l-ammont likwidat favur l-attur għandu f' kull każ jiġi varjat.

18. Fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, l-ewwel Qorti għamlet il-kunsiderazzjonijiet segwenti:

> *"Illi stabbilita l-ħtija u r-responsabblita' tas-soċjeta' konvenuta għall-inċident odjern, kif ukoll id-diżabilita', l-Qorti se tgħaddi issa għal-likwidazzjoni tad-danni.*
>
> *"Illi fil-likwidazzjoni ta' danni wieħed għandu jieħu kont għalhekk tal-Artikolu 1045 tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li:*
>
> > *"persuna responsabbli għandha twieġeb (inter alia) għat-telf ta' qliegħ li tbati 'l quddiem minħabba nkapaċita' għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib". Fl-artikolu 1045 (2) tali "somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċita' tiġi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis iċċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari, x-xorta u l-grad ta' nkapaċita' kkaġunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbagħti l-ħsara".*
>
> *"Illi tali regoli ġew supplimentati bil-prinċipji stabbiliti filkawża "Michael Butler vs Peter Christopher Heard" li pero' ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar riċenti peress li kif intqal fil-kawża "Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et" "iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-Gzira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu".*
>
> *"Illi hekk, per eżempju, għar-rigward tal-multiplier applikat għall-kunċett tal-working life expectancy of the victim fejn qabel is-ceiling qatt ma eċċeda l-20, pero' llum bis-sentenza*

*"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine" is-sitwazzjoni tbiddlet għaliex l-istess Onorabbli Qorti rrikonoxxiet illi għalkemm is-sistema stabbilita f'Butler vs Heard hija dik l-aktar addattata, sakemm tinstab sistema oħra ta' komputazzjoni oħra aktar ġusta, pero' dan ma jfissirx illi:*

> *"Il-Qorti għandha jew tista' tikkonsidra ruħha marbuta rigorożament ma' applikażżjoni tas-sistema msemmija li jorbtilha jdejha li dejjem u f'kull każ għandha tapplika multiplier li f'ċerti ċirkostanzi evidentement ikun iwassal għall-likwidazzjoni rreali jekk mhux addirittura nġusti. Fil-fehma konsiderata tagħha, sistema, tkun liema tkun, hija tajba purche' tħalli f'idejn il-ġudikant dak il-margni ta' diskrezzjoni li hu jħoss li konformement ma' l-aspetti partikolari ta' kull każ hu neċessarju sabiex issir ġustizzja".*

...

"*jirriżulta li l-attur kellu 29 sena meta ġara l-inċident, u għalhekk kellu "working life expectancy" ta' ċirka sitta u tletin (36) sena. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma tħossx li għandha tapplika multiplier anqas minn dan l-ammont ta' żmien, konsiderando li l-eta' ta' l-irtirar illum żdiedet għal ħamsa u sittin sena u anke għaliex ma nġabu ebda provi għaliex dan għandu jkun anqas.*

"*Illi l-Kirurgu Prof. Frederick Zammit Maempel ikkonferma ċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. G. Baldacchino u kkonferma d-debilita permanenti ta' 100% konsegwenza tal-inċident.*

"*Illi madankollu, id-danni ma jingħatawx bħala kumpens għad-debilita' medika ut sic iżda għat-telf – kemm damnum emergens kif ukoll lucrum cessans – li l-attur iġarrab minħabba f'hekk. Fil-każ in eżami huwa relevanti illi lill-attur intemmlu x-xogħol b'seħħ mis-sena elfejn (2000), bl-aħħar ċertifikat tal-mard esebit, a fol 315 tal-proċess, iġib id-data tas-7 t'Awissu 2000, f'liema sena huwa kien bis-sick leave u kien ilu hekk bis-sick leave mid-data tal-inċident minħabba l-istat ta' saħħtu b'konsegwenza tal-inċident. Inoltre minkejja l-eta' żgħira tiegħu x'aktarx illi qatt aktar fil-ħajja lavorattiva tiegħu mhu se jkun kapaċi jerġa' jaħdem f'impjieg simili.*

"*Illi wara li qieset id-debilità medika tal-attur, kif ċertifikata mill-espert imqabbad ex-parte mill-attur u konfermata mill-espert nkarigat minn din l-Onorabbli Qorti u l-fatt illi, minħabba l-istat ta' saħħtu konsegwenza tal-inċident odjern, ikun iebes ħafna għalih li jsib xogħol, il-Qorti hija tal-fehma illi l-kapaċità ta' l-attur li jaħdem naqset b'mija fil-mija*

*(100%) kif ċċertifikat u rikonfermat mill-espert inkarigat minn din l-Onorabbli Qorti.*

"*Illi l-attur effettivament mhux biss tilef id-dħul ta' dawn l-aħħar erbatax-il sena iżda wkoll mhux kapaċi li jerġa' jaħdem f'impjieg simili u għalhekk dan it-telf aktar għandu mil-lucrum cessans milli damnum emergens.*

"*Illi d-dħul tiegħu skond anke d-dokumenti mressqa mill-attur kif ukoll mill-konvenuta juru li fiż-żmien tal-inċident l-attur kien jaqbad paga f'idejh ta' sittin Lira (Lm60) filgimgħa (bil-ħlas tat-taxxa u sigurta' soċjali dan kien jitla' għall-ħamsa u sittin Lira Maltin Lm65) li jiġu tlett elef u tlett mija u tmenin Lira Maltin (Lm3,380) fis-sena llum ekwivalenti għal sebat elef, tmien mija u tlieta u sebgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€7,873.28), esklużi l-bonus ta' darbtejn fis-sena ta' mija u tmintax il-Lira Maltin illum ekwivalenti għal mitejn u erbgħa u sebgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€274.87) u eskluż ukoll iż-żieda annwali fil-paga tal-għoli tal-ħajja. Illi għalhekk it-telf għal erbatax-il sena eskluż iż-żieda annwali fil-paga tal-għoli tal-ħajja mogħtija mil-liġi matul dawn is-snin huwa ta' mija u erbatax-il elf u erbgħa u sebgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€114,074.10). Rajna illi d-debilta' tal-attur hija ta' mija fil-mija (100%) u għalhekk id-danni sofferti sal-lum huma ta' mija u erbatax-il elf u erbgħa u sebgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€114,074.10), f'liema somma għad ma ġiex kunsidrat iż-żieda annwali fil-paga tal-għoli tal-ħajja mogħtija mil-liġi.*

"*Illi rigward it-tnejn u għoxrin sena working life expectancy li fadal sakemm l-attur jilħaq l-eta' tal-irtirar, u in konsiderazzjoni taż-żieda annwali fil-paga tal-għoli talħajja, din il-Qorti sejra timxi fuq il-paga minima viġenti llum li tammonta għal mija u sitta u tmenin Ewro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35) li kalkolati għal tnejn u ħamsin ġimgħa għal tnejn u għoxrin sena jammontaw għas-somma ta' mitejn u tlettax-il elf u mija u erbgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€213,184.40).*

"*Illi b'kollox għalhekk l-attur tilef mija u erbatax-il elf u erbgħa u sebgħin Ewro u għaxar ċenteżmi (€114,074.10) u mitejn u tlettax-il elf u mija u erbgħa u tmenin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€213,184.40) ammontanti għas-somma globali ta' tlett mija u sebgħa u għoxrin elf, mitejn u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€327,258.50).*

...

> "*Illi fil-każ odjern, il-kawża ġiet intavolata fid-9 ta' Lulju 2002 u għalhekk sal-lum għaddew aktar minn ħdax-il sena mill-preżentata tal-kawża u aktar minn erbatax-il sena mid-data tal-inċident. Illi għalhekk jekk wieħed kellu jnaqqas 2% mis-sena 2002 sal-lum jiġi li għandu jnaqqas 22% u dan mingħajr ma jiġu konsiderati t-tlett snin ta' qabel minn meta seħħ l-inċident sa meta ġiet intavolata l-kawża. Dan ifisser li l-attur għandu favur tiegħu 2% aktar fuq it-tnaqqis tal-persentaġġ tal-lump sum payment u għalhekk fil-każ in eżami din il-Qorti ma hi se tagħmel lebda tnaqqis.*
>
> "*Illi dan mhux qed isir biex jiġi penalizżat il-konvenut imma għax mhux possibbli li jiġi degretat il-ħlas tal-imgħax mid-data meta ġiet kaġunata l-ħsara ...*"

19. Din il-Qorti fliet l-atti u fl-ebda waqt ma jirriżulta li fil-prim' istanza l-appellanti kkontestat il-perċentwal ta' diżabilita ta' 100% li fuqha qablu dwarha kemm Mr Frederick Zammit Maempel kif ukoll Dr. G. Baldacchino.[23] Skont ma xehed Mr Zammit Maempel l-appellat waqa' u kiser rukkell lumbari wieħed u kien għamel ħsara ukoll lil mudullun u qata' n-nervatura fl-istess frattura u baqa' hekk. Wara St Luke's kien mar l-Ispinal Unit l-Isptar Boffa, Floriana, fejn qatta ħafna xhur u imbagħad ġie trasferit San Vinċenz. Kompla jgħid:

> *'He is permanently disabled. It is permanent ... matul is-snin kellu diversi kumplikazzjonijiet.'*

20. Kif ingħad mill-ewwel Qorti, id-danni ma jingħatawx bħala kumpens għad-debilita' medika *ut sic* iżda għat-telf li d-danneġġjat ikun ġarrab minħabba f' hekk. Fid-deċiżjoni fl-

[23] Fol. 32.

ismijiet ***Cefai et vs Cutajar*** ċitata mill-appellanti, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, kienet qablet mal-konvenut f' dik il-kawża fis-sens illi diżabilità ta' 100% tirrispekkja biss każ ta' mewt, iżda ingħad ukoll li diversi sentenzi tal-Qrati tagħna jsostnu li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilità, dak li jrid jiġi stabilit m'humiex il-grad ta' inkapaċità f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qliegħ tal-persuna midruba. Kien għalhekk li dik il-Qorti iffissat perċentwal ta' diżabilità permanenti ta' 30% minkejja li l-espert mediku kien iċċertifika li d-diżabilita` li minnha jsofri l-attur f'dik il-kawża kienet ta' 8%. Il-konvenut f'dik il-kawża kien appella u din il-Qorti għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet fir-rigward:

> *"L-ewwel Qorti ddecidiet li tgholli l-percentwali minn 8%, skond kif qalu l-esperti medici (kemm dak nominat mill-Qorti, kif ukoll dak ex parte) ghall 30% billi ghal dak li jirrigwarda l-percentwali ta' dizabilita` dak li jrid jigi stabbilit mhux il-grad ta' inkapacita` f'sens purament mediku, izda l-effett li l-hsara personali ghandha fuq il-qliegh tal-persuna midruba. In vista ta' dan, l-ewwel Qorti rrikonoxxiet illi f'dan il-kaz partikolari l-attur kien ser isibha difficli li jkompli jaghmel ix-xoghol manwali li kien imdorri jaghmel, imma mhux b'daqshekk kwalunkwe xoghol iehor.*
>
> *...*
>
> *"F'dan il-kaz il-Qorti mhux qed tqieghed in dubbju l-konkluzjonijiet peritali, imma apparti l-konkluzjonijiet purament medici, din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, trid taghmel ukoll il-konsiderazzjoni taghha ghall-kwantifikazzjoni tad-danni attwalment sofferti mid-danneggjat <u>bhala rizultat dirett</u> ta' l-incident <u>kif ukoll ghal dawk id-danni kollha konsegwenzjali li kien ser isofri bhala konsegwenza tad-</u>*

> *<u>debilita` permanenti li necessarjament tincidi, fost hwejjeg ohra, fuq il-kapacita` lavorattiva tieghu</u>. Dana ukoll mhux biss attwalment fic-cirkustanzi tax-xoghol fejn kien jahdem l-attur imma* ***wkoll potenzjalment f'kull attivita` ohra lavorattiva miftuha ghalih****. (ara App Galea v. Mizzi 23 ta' April 2001).*
>
> *"L-appellat qed jippretendi li wara l-incident hu ma kienx aktar kapaci jahdem, u fil-fatt ma hadimx aktar mis-sena 2003 u tilef l-introjtu kollu illi huwa kien sejjer jaqla' mix-xoghol tieghu bejn l-eta` ta' 55 sena u almenu l-eta` ta' 61 minhabba d-debilita` fi spalltu abbinata max-xoghol manwali li hu kapaci jaghmel.*
>
> *"Dina l-Qorti, pero`, taqbel ma' l-ewwel Qorti li ghalkemm f'dan il-kaz partikolari, bhal ma qalu t-tobba, ser ikun difficili li l-appellat ikompli jaghmel xoghol manwali li kien imdorri jaghmel, izda dan ma kienx ifisser li b'daqshekk hu ma kienx kapaci jaghmel ebda xoghol iehor. Minhabba dan il-fatt, u fl-istess hin billi l-prospetti ta' xoghol ghall-appellat inbidlu u saru aktar difficili, l-ewwel Qorti ziedet il-percentwali ghal 30% biex tikkumpensa ghan-nuqqas ta' dawn il-prospetti lavorattivi. L-appellant jikkunsidra li dina z-zieda bhala wahda sproporzjonata, izda dina l-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz, l-ewwel Qorti kienet gustifikata tgholli l-percentwali. Din il-Qorti ma tarax li ghandha tissostitwixxi l-valutazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti b'valutazzjoni ohra taghha f'dan ir-rigward.*
>
> *"Konsidrat il-fatt li l-apprezzament tal-grad ta' debilita` ghandu jkun ibbazat fuq il-kriterji medici kif ukoll fuq il-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti dwar il-working capacity li fadallu d-danneggjat, u f'dan il-kaz il-fatt ukoll li l-appellat mhux prekluz milli jahdem f'kategoriji ohra tax-xoghol, dina l-Qorti hi tal-fehma li l-figura ta' 30% f'dan il-kaz partikolari, hija ragjonevoli u ekwa; dan tenut kont ukoll tal-fatt li dan l-assessment hu dejjem wiehed approssimattiv."*

21. Huwa minnu, kif ġustament tippuntwalizza l-appellanti, li mhux kull minn hu fuq siġġu tar-roti huwa prekluż milli jaħdem. Madankollu m'hemmx prova li l-appellat qatt reġa ħadem minn meta seħħ l-inċident. Il-Qorti m'hijiex ser toqgħod tispekula. Dan

apparti li fil-każ in eżami hu eskluż li l-appellat qatt ser ikun kapaċi jerġa' jaħdem f'impieg simili għal dak li kien jagħmel meta seħħ l-inċident. Il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-każ m'hemmx biżżejjed provi li jistgħu jwasslu lill-Qorti biex tikkonkludi li l-konklużjoni tal-ewwel Qorti hi manifestament żbaljata. Inoltre, wieħed irid jiftakar ukoll li l-kwalita' tal-ħajja li kellu l-appellat qabel l-inċident inbidlet għal kollox. Għalhekk, tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti ma tħossx li għandha tvarja d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti. Spejjeż a karigu tas-soċjeta` appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Noel Cuschieri<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr